MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Numru. 561/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Pierre Grech]**

**vs**

**Clayton Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Numru: 561/2010**

**Illum 5 ta' Marzu 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clayton Azzopardi ta' 27 sena, bin Joseph u Mary nee' Spiteri, imwieled Pieta' fis-27 ta' Frar, 1983 u residenti Disemper House St Thomas Street Fgura u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 161983M

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fil-lejl tas-6 ta' Gunju 2010 ghall-habta ta' l-10:20pm waqt li kien gewwa Triq Sammat Tarxien:

a) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur ta' l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC599 Clive Mangion, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi bi vjolenza jew b' theddid, gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x' taqsam mal-kariga tieghu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 91 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, u dan bi ksur ta' l-artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC599 Clive Mangion hekk kif iccertifikat minn Dr. Joseph Agius Muscat MD (Reg. nr. 2539) mic-Centru tas-Sahha, Paola, u dan bi ksur ta' l-artikolu 221 u 222 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBF-861 ghad-dannu ta' PC599 Clive Mangion, liema hsara tammonta aktar minn hamsin lira Lm50 (€116) izda anqas minn hames mitt lira Lm500 (€1160).

g) u aktar talli naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

j) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

k) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi kiser hebb kontra PC599 Clive Mangion sabiex jingurja, jdejjeq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

l) u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi imbotta lil haddiehor fit-triq biex iwegghu jew jinsultah, u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(l) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

m) u akkuzat ukoll talli fil-lejl tas-6 ta' Gunju 2010 bejn id-9.00 u l-10.30 ta' fil-ghaxija fi Triq Xintill, Triq Paola u toroq ohra f' Hal-Tarxien: ghamel uzu, jew ipprova jaghmel uzu jew kellu kontroll ta' vettura tal- ghamla Opel

Astra bin-numru tar-registrazzjoni KBC-993 fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga, u dan bi ksur tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

n) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq il-vettura Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni KBC-993 b' manjiera traskurata, negligenti u perikoluza, u dan bi ksur tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

o) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, waqt li kien qed jaghmel uzu mill-imsemmija vettura, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mikjta Katelai, skond hekk kif iccertifikat minn Dr. Stephen Muscat MD (Reg. nru. 1455) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

p) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt li kien qed isuq l-istess vettura naqas li jieqaf u jaghti l-partikularijiet tieghu meta kien involut f' accident tat-traffiku, u dan bi ksur tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

q) kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-magistrati (Malta) nhar l-20 ta' Jannar, 2010 mill-Magistrat Dottor A.J.Vella liema decizjoni saret definittiva.

r) kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara zewg sentenzi moghtija nhar is-6 ta' Novembru, 2009 u ohra moghtija nhar it-23 ta' Novembru, 2009 it-tnejn mill-Magistrat Dr L Quintano LL.D liema decizjonijiet saru definittivi.

Rat l-artikoli 49, 50, 91, 95, 96, 221, 222, 226, 251, 325(1)(b), 338(m)(bb)(dd), 339(1)(d)(l) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1) u 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-

Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 67 ta’l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jgi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici. Nhar is-6 ta’ Gunju 2010 l-imputat kien qed isuq vettura ta’ tip Opel Astra b’numru ta’ registrazzjoni KBC 993 fi Triq ix-Xintill Tarxien meta allegatament laqghat lil certu Mikjta Katelai bil-vettura tieghu u ma waqafx kif kien obbligat jaghmel. Huwa fil-fatt baqa sejjer fi Triq Sammat Tarxien fejn kien jghix. Hekk kif l-imputat kien qed isuq fi Triq Sammat kien qed jipparkja f’l-istess triq kuntistabbli tal-pulizija: PC599 Clive Mangion; dak il-hin dan il-kuntistabbli ma kienx xoghol. Fil-fatt hekk kif Mangion kien qed jimmanuvra biex jipparkja ghadda minn hdejh l-imputat, bil-vettura tieghu, kellmu hazin u qallu li hadlu l-parking pero baqa’ jsuq u pparkja l-vettura tieghu ftit ‘l fuq fit-triq. Hekk kif Mangion ipparkja, hareg mill-vettura tieghu u beda miexi fit-triq l-imputat (li kien lahaq ipparkja hu ukoll) u l-passiggier li kellu mieghu bdew mixjin fid-direzzjoni ta’ Mangion. L-imputat beda jghajjar lil Mangion, ta daqqa fuq il-bonnet tal-vettura ta’ Mangion u beda jghidlu li huwa jaf li Mangion kien pulizija u diskors iehor; f’xi hin l-imputat ta daqqa b’idejh fuq ras Mangion li m’ghamel l-ebda reazzjoni ghall-agir ta’ l-imputat izda baqa sejjer l-ghassa biex jirrapporta l-akkadut.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma diversi u jirreferu ghaz-zewg incidenti li sehhu, cioe dak meta kien qed isuq il-vettura fi Triq ix-Xintill u dak fi Triq Sammt ma’ PC599 Clive Mangion; l-imputazzjonijiet jirreferu ukoll ghal ksur ta’ kundizzjonijiet ta’ helsien mill-arrest, ksur ta’ liberta kondizjonata u recidiva.

Illi jibda biex jinghad li minbarra PC599 Clive Mangion il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud okkulari iehor. B’mod partikolari ma tressaqx Roderick Muscat li kien qieghed fil-vettura misjuqa minn Mangion tul il-hin kollu li dan kien qed isuq, u kien mieghu ukoll meta sehh l-incident ma’ PC599 Clive Mangion; ma tressqitx Mikjta Katelai (il-parte leza f’l-incident li sehh fi Triq ix-Xintill) u xi persuni ohra li setghu kienu fuq il-post ta’ l-incident fi Triq ix-Xintill; lanqas maa tressaq it-tabib li ccertifika l-griehi li soffriet din Mikjta Katelai. Ta’ min wiehed jirrileva ukoll li minbarra z-zewg Spetturi li nvestigaw l-kaz wara l-mument ta’l-arrest ta’l-imputat (l-involviment taghhom jidher li kienet limitata ghat-tehied ta’l-istqarrija ta’l-imputat) l-unika pulizija iehor li jidher li kien involut f’l-istadji inizjali ta’l-investigazzjoni dwar iz-zewg incidenti kien PS100 Terrance Agius, pero fil-verita d-depozizzjoni tieghu ma tantx taghti wisq dawl fuq il-fatti relevanti.

Illi x-xhiedha li tressqu f’dan il-kaz kienu PC599 Clive Mangion, PS100 Terrance Azzopardi, l-Ispettur Alexander Grech u l-Ispettur Pierre Grech; xehdu ukoll is-Supretendent Norbert Ciappara biex jesebixxi zewg sentenzi ai fini l-imputazzjoni dwar ksur ta’ liberta kondizzjonata, rapprezentant ta’ Transport Malta u certu Paul Bonnici biex jaghtu dettalji dwar il-vettura misjuqa mill-imputat, u xehed ukoll Dr Agius Muscat li kien ezamina lil, u rrilaxxja certifikat fil-konfront ta’ PC599 Clive Mangion.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet li jirreferu ghall-ewwel incident huma dawk fil-paragrafi “m”, “n”, “o” u “p”; dawn jirreferu ghal:

- sewqan taht l-influenza ta’ xorb jew drogi;
- sewqan bla kont, traskurat u perikoluz;
- griehi hfif involontarji a dannu ta’ Mikjta Katelai;
- nuqqas ta’l-imputat li jieqaf wara li kellu incident.

Illi ezami tal-provi akkwizieti f’dan il-process juri li dwar dan l-incident ftit li xejn hemm provi ghajr ghall-istqarrija

ta’l-imputat. Kif diga ntqal hadd mill-persuni li setghu raw l-incident ma tressaq bhala xhud, inkluz il-parte leza.

Illi l-unika taghrif dwar dan l-incident tah l-istess imputat f’l-istqarrija; huwa jammetti li kien fis-sakra meta qabad is-suq il-vettura tieghu u jammetti ukoll li waqt li kien qed isuq laqghat bollard hdejn il-knisja u ftit wara laqghat mara bil-mera tal-karrozza. Kif laqghat lil din il-mara u x’garalha bhala konsegwenza ma jirrizultax mill-provi akkwiziti f’dan il-process ghaliex la xehdet hi u lanqas it-tabib li nvistaha u rrilaxxja certifikat. F’dan ir-rigward ghadu jinghad li l-prosekuzzjoni prezentat affidavit tat-tabib li rrilaxxja c-certifikat, u prezentat ukoll l-imsemmi certifikat, pero fil-proceduri odjerni, kull xhud irid jixhed viva voce ghalhekk l-affidavit mhiex ammissibbli bhala prova u konsegwentement ic-certifikat relattiv (Dok AG2) ma jistax jitqies li gie konfermat b’gurament u konsegwentement lanqas dan ma jista’ jitqies bhala prova tal-griehi li setghet soffriet Mikjta Katelai.

Illi x’jikostitwixxi sewqan traskurat, negligenti u perikoluz rispettivament huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza. Kif diga ntqal dwar l-incident li sehh fi Triq ix-Xintill m’hemmx provi ghajrn l-istqarrija ta’l-imputat; dan jghid li kien fis-sakra u li laqghat bollard li kien hemm hdejn il-knisja u mbaghad laqghat mara bil-mera. Din l-asserzjoni pero m’ghandha l-ebda utilita f’l-ezercizju li ghandha taghmel il-Qorti biex tistabilixxi f’liema kategorija mit-tlieta imsemmija (traskurat, negligenti jew perikoluz) jaqa is-sewqan ta’l-imputat. Fil-verita m’hemm l-ebda prova li tista tghin lill-Qorti biex tistabbilixxi b’liema mod kien qed isuq l-imputat.

Illi dwar ir-raba imputazzjoni minn dawk issa in ezami jirrizulta, mill-istqarrija ta’l-imputat, li huwa ma waqafx sia meta habat mal-bollard li hemm hdejn il-knisja sia meta laqat lil Mikjta Katelai bil-mera tal-vettura.

Illi in vista tas-suepsost fil-fehma tal-Qorti gew pruvati biss l-ewwel u r-raba imputazzjoni cioe dawk fil-paragrafi “m” u ”p” fic-citazzjoni, fil-waqt li dawk fil-paragrafi “n” u “o” ma gewx sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet li jirreferu ghat-tieni incident huma dawk fil-paragrafi ”a” sa “f” u “h” sa “l”; dawn jirreferu ghal:

- attakk u rezistenza kontra ufficjal pubbliku;
- ingurji u theddied lil ufficjal pubbliku;
- li bi vjolenza u theddied gieghel lil xi ufficjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x’taqsam mal-karigi tieghu;
- li bi vjolenza gieghel li xi hadd jaghmel jew ma jaghmilx xi haga;
- griehi hfif fuq PC599 Clive Mangion;
- hsara volontarja fuq il-vettura JBF 861 a dannu ta’ Clive Mangion;
- ksur tal-mistieh tan-nies;
- li qal kliem oxen;
- ksur tal-bon ordni u paci pubblika;
- hebb kontra PC599 Clive Mangion;
- li mbotta lil xi hadd biex iweggghu.

Illi jibda biex jinghad li meta sehh it-tieni incident PC599 Clive Mangion ma kienx qieghed xoghol; huwa kien spicca xoghol u kien sejjer id-dar. F’dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li pulizija huwa pulizija erbgha u ghoxrin siegha fil-gurnata u ghandu jintervjeni (wara li jidentifika lilu nnifsu bhala pulizija jekk ma jkunx b’l-uniformi) jekk jigi rinfaccjat b’sitwazzjoni li tirrikjedi l-intervent ta’ pulizija, anke jekk dak il-hin ikun hin liberu tieghu. Ghalhekk jista’ jkun hemm, kif fil-fatt ikun hemm, sitwazzjonijiet meta pulizija ufficjalment ikunu fil-hin liberu taghhom pero ikollhom jintervjenu fil-vesti taghhom ufficjali u anke jaghtu dawk l-ordnijiet kollha li pulizija jista’ jaghti fil-qaghdi ta’ dmirijietu u f’l-esekuzzjoni tal-Ligi.

Illi skond Mangion dan it-tieni incident kien jinvolvi kliem hazin meta l-imputat kien ghadu qed ifittex post fejn jipparkja, mbaghad wara, meta kienu mixjin fid-direzzjoni opposta kien hemm aktar kliem fis-sens li l-imputat beda jghajjar lil Mangion, beda jghidlu li jaf fejn joqghod u jaf liema hi l-karozza tieghu, u anke qal lil Mangion li sakemm idum jghix hemm ser jghamillu hajjtu infern. Waqt li kien

qed jghid dan id-diskors l-imputat ta’ daqa fuq il-bonnet tal-vettura ta’ Mangion pero Mangion baqa’ ma qal xejn hlif “issa nitkellmu ghada”. Meta Mangion dar ‘l isfel biex ikompli fi triqtu l-imputat tah daqqa b’idejh fuq rasu. Bhala rizultat ta’ dan l-agir ta’l-imputat, Mangion soffra griehi ta’ natura hafifa u hsarat fil-vettura tieghu li gew stmati f’l-ammont ta’ €164.92.

Illi minn dan ir-rakkont ta’ PC599 Clive Mangion, jidher li f’l-incident in ezami hu ma ghamel l-ebda intervent fil-kwalita tieghu ta’ ufficjal pubbliku. Jirrizulta, u del resto mhux kontestat, li l-agir ta’l-imputat fil-konfront ta’ Mangion gie “stigat” mill-fatt li Mangion huwa pulizija u li huwa fixklu ma’ pulizija iehor li kien involut f’l-arrest tieghu f’kaz precedenti ghal dak in ezami; ghalhekk huwa car li l-imputat agixxa bil-mod kif agixxa  ma’ Mangion propju ghaliex Mangion huwa pulizija. Pero minn imkien mill-provi ma jirrizulta li Mangion agixxa fil-vesti tieghu ta’ pulizija, li ta xi ordni lill-imputat jew li l-imputat gieghel lil Mangion (fil-kwalita tieghu ta’ pulizija jew ta’ cittadin privat) jaghmel jew ma jaghmilx xi haga.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti fil-waqt li min-naha jirrizultaw sodisfacjentement pruvati t-tieni, il-hames, is-sitt, it-tmien, id-disgha, l-ghaxar, il-hdax u t-tnax il-imputazzjoni elenkati fic-citazzjoni, min-naha l-ohra ma jirrizultawx l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjoni elenkati fic-citazzjoni.

Ikkunsdrat

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat huma dawk ta’ ksur tal-kundizzjonijiet imposti f’l-ghoti ta’l-helsien mill-arrest, il-ksur ta’ zewg istanzi ta’ liberta kondizjonata u r-recidiva.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li l-imputat kien inghata helsien mill-arrest bil-kundizzjoni, inter alia, li ma jikkommettiex reati ohra ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. La darba l-imputat qed jinstab hati tar-reati fuq imsemmija jirrizulta li huwa kkommetta reat fil-

perjodu tal-helsien mill-arrest ghalhekk is-sitt imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi jirrizulta ukoll li l-imputat ghal darbtejn gie misjub hati pero liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilex reat iehor fiz-zmien sena; is-sentenzi relattivi inghataw fid-9 ta' Novembru 2009 u fit-23 ta' Novembru 2009 rispettivament. Ir-reati odjerni gew kommessi fis-6 ta' Gunju 2010, konsegwentment l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata ukoll.

Illi dwar ir-recidiva jirrizulta li f'l-20 ta' Jannar 2010 l-imputat kien immultat €300 ghalhekk, u ladarba r-reati odjerni gew kommessi fis-6 ta' Gunju 2010, huwa ghandu jitqies recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel konsiderazzjoni ghandha tkun ghan-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Pero l-Qorti hija obbligata tiehu in konsiderazzjoni fatturi ohra bhal m'huma l-fedina penali ta'l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, kif ukoll ic-cirkostanzi li wassluh biex iwettaq ir-reati in ezami.

Illi l-fedina penali ta' l-imputat mhiex wahda netta pero lanqas m'hi wahda allarmanti zzejjed; minnha jidher car li ghajr ghall-kundanna dwar uzu ta' jet skies minghajr numru ta' registrazzjoni imwahhla fuq quddiem, iz-zewg sentenzi l-ohra mghotija fil-konfront ta'l-imputat kienu jikkoncernaw pussess ta' cannabis.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-konvizzjoni taghha li l-incidenti odjerni kienu rizultat tal-fatt li l-imputat kien fis-sakra, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha titratta ma'l-imputat b'mod li jirrealizza s-serjeta ta'l-agir tieghu pero f'l-istess hin taghtih dik l-ghajnuna li huwa ghandu bzonn biex verament jirriabilta lilu nnifsu. Ghalhekk fil-waqt li l-Qorti ser titratta ma'l-imputati ghal dawk ir-reati li taghhom

kien instab hati u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor, u fil-waqt li ser timponi piena karcerarja ghall-imputazzjoni dwar ksur tal-kundizzjonijiet imposti f'l-ghoti tal-helsien mill-arrest, ser tikundannah ghall-hlas ta' multa ghat-tlettax u sittax il-imputazzjoni u ser tpoggih taht ordni ta'probation ghall-imputazzjonijiet l-ohra b'diversi kondizzjonijiet inkluz dawk li jsegwi kwalunkwe programm ta' riabilitazzjoni li jigi suggerit lilu mill-ufficjal tal-probation u dan sia dwar abbuz ta' droga u sia dwar abbuz ta' alkol u bil-kundizzjoni ukoll li ma jkelliemx, ma jdejjaqx jew b'xi mod iehor jimmolesta lil PC955 Clive Mangion u/jew lill-familjari tieghu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba, l-erbatax u l-hmistax il-imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 221, 222, 325(1)(b), 338(m)(bb)(dd), 339(1)(d)(l) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 67 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, issibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlettin (30) gurnata prigunerija ghar-reat elenkat fis-seba' imputazzjoni, multa ta' hames mitt Euro (€500) ghat-tlettax u sittax il-imputazzjoni, u fir-rigward tat-tieni, il-hames, is-sitt, it-tmien, id-disgha, l-ghaxar, il-hdax u t-tnax il-imputazzjoni b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett (3) xhur ihallas lil PC599 Clive Mangion is-somma ta' €164.92 bhala kumpens ghad-danni sofferti. Inoltre il-Qorti qed taghzel li titratta ma'l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati bis-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2009 u 23 ta' Novembru 2009 daqs lil kieku ghadu kemm instab hati u tikkundannah multa ta' hames mitt (€500) ghar-reat li tieghu nstab hati bis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2009, u tikundannah multa ta' hames mitt Euro (€500) ghar-reat li tieghu instab hati bis-sentenza tat-23 ta' Novemrbu 2009. It-tlett multi ta' hames mitt Euro (€500) hawn fuq

imsemmija ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur. In konkluzzjoni l-Qorti ghall-istess konsiderazzjonijiet elenkati aktar ‘l fuq dwar il-piena qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk l-imputat jikkommetti reat iehor li zmien sentejn jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijijet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficcju ta’ Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------